Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15709/22

AVIATION 305
DELACT 224

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 29 ta' Novembru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2022) 8561 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 29.11.2022 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament (UE) Nru 139/2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 8561 final.

---

Mehmuż: C(2022) 8561 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.11.2022
C(2022) 8561 final

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**ta' 29.11.2022**

**li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament (UE) Nru 139/2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament (UE) Nru 139/2014 fiha żball. Sabiex il-verżjoni bil-lingwa Pollakka tiġi allinjata mal-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra, hemm bżonn li jiġi adottat Regolament Delegat li jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 139/2014.

## 2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat jikkoreġi żball ta' traduzzjoni fil-verżjoni bil-lingwa Pollakka tat-test.

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 29.11.2022**

**li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament (UE) Nru 139/2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 39(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Pollakka tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014[2] fiha żball fil-punt ADR.OPS.B.080(b) li jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni stabbilita f'dik id-dispożizzjoni.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 139/2014 tiġi korretta skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*(ma japplikax għal-lingwa Maltija)*

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[1] ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29.11.2022

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
*Ursula VON DER LEYEN*